MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2008

Numru 986/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Alfred Mallia**
**Spettur Pierre Micallef Grimaud**
**v**

**ANTOINE AQUILINA**

**Il-Qorti;**
Rat li l-imputat **ANTOINE AQUILINA** ta' hamsa w tletin sena bin il-mejjet Carmelo u Maria Spiridiona nee Saliba, imwieled H'Attard nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Settembru 1970 u residenti 'Seaview Court', Flat 13, Triq San Gorg, San Giljan detentur tal-karta tal-identita numru 406870M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tmienja ta' Settembru 2006 ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija fi Triq Sant'Anna, Floriana, flimkien ma persuni ohra mhux maghrufa, xewwxu jew hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxra minn nies jew aktar illi hekk migbura, bil-hsieb li jaghmlu reat fejn voluntarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u

cioe hsara voluntarja fuq siggijiet w imwejjed, liema hsara teccedi l-hamsin lira maltin u dan ghad-dannu tal-kazin tal-Banda Vilhena tal-Floriana.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat ghaxra t'Ottubru 2006 esibit bhala Dok. Z a fol 22 tal-atti.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-hmistax ta' Settembru 2006 (fol 10).

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.
Il-Qorti semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sittax ta' Settembru 2008.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-hdax t'Ottubru 2006 **xehed l-Ispettur Alfred Mallia** (fol 20) fejn qal li fit-tmienja ta' Settembru 2006, jum ir-Regatta, wara li spiccat ir-Regatta, kien hemm xi ncidenti imma l-imputat ma kienx involut fihom jew ahjar ma rax li kien involut fihom. Spjega li x'hin spiccat ir-Regatta, grupp ta' nies mill-Belt telghu il-Floriana u wara li qaghdu jghajjru lil partitarji tal-Floriana, qallbu xi mwejjed, siggijiet, ghamlu hsara f'xi magna tal-Coca f'*dustbins* u kull ma beda jigi fit-triq taghhom. Qal li hu ma setghax jaghraf xi nies izda kien hemm pulizija li kien gharaf wiehed li kien involut f'din il-folla. Ix-xhud jghid li l-pulizija qallu li l-imputat kien ser jahbat ghal xi *supporters* tal-Floriana.

Irrizultalu li aktar tard, wara li kienet ikkalmat is-sitwazzjoni, ghax imbaghad ghamlu *deployment* quddiem il-kazin De Vilhena, rega' ghadda xi *supporter* tal-Belt u rega' qal xi haga lis-*supporters* tal-Floriana.

Illi nhar l-hdax t'Ottubru 2006 **xehed PS 403 James Grech** (fol 23) fejn qal li fit-tmienja ta' Settembru 2006 l-

ispettur kien talbu jmur jghinu l-Floriana u mieghu kien hemm tlett ufficjali tal-pulizija ohra. Qal li kien hemm hafna nies, xi hamsin ruh gejjin fid-direzzjoni taghhom w ghalhekk huma ma setghu jaghmlu xejn u baqghu mexjin mal-genb sakemm marru fuq wara tal-folla. Spjega li baqghu mexjin warajhom. Qal li fuq wara kien hemm l-imputat li gharaf prezenti fl-awla li beda jghidlu biex joqghodu warajhom biex ma weggghux u beda jghidlu biex joqghodu kwieti u jhallu f'idejh sabiex ma jwegghux lilhom.

Zied jghid li n-nies li kien hemm bdew ikissru u jwaqqghu u jfarrku kull m'hemm u huma baqghu mexjin warajhom. Qal li lill-imputat pero ma rah jaghmel xejn. Kompla jghid li xi siegha jew siegha u nofs wara waqt li huma baqghu quddiem il-kazin tal-banda ta' Triq Sant'Anna l-Floriana, waqfu tlett karozzi fuq il-*lights* u kif il-*lights* qalbu hodor, il-karozza li kien hemm fuq quddiem, paqpaq il-*horn* u saq 'l quddiem u hargu ghalihom il-partitarji tal-Floriana. Qal li din il-karozza mbaghad baqghet sejra.

Qal li ra lil imputat li kien qieghed fil-karozza ta' wara ABG 057, u dan hareg minnha u beda jghid u jindirizza lill-partitarji tal-Floriana, "ghalfejn qed taghmlulna hekk, halluna kwieti". Qal li huma ppruvaw kemm-il darba jdahhlu lil imputat fil-karozza pero dan nonostante beda jahrabilhom u f'daqqa wahda rnexxielhom idahhluh fil-karozza u baqghu sejrin bih. Qal li l-imputat kien mal-gemgha li ghamlu dawn l-affarijiet ta' tifrik.

Illi nhar t-tletin ta' Lulju 2007 **rega' xehed PS 403 James Grech** (fol 44) fejn qal li nhar t-tmienja ta' Settembru 2006, hu kien gie mibghut l-Floriana ghax kien hemm xi tkissir. Qal li tela ma xi tlieta minn nies ohra u sab xi nies ikissru u jaqilbghu magni tal-Coca u peress li kienu ftit kienu hallewhom jghaddu waqt li ppruvaw jgharfu xi nies minnhom. Qal li fost il-folla kien hemm l-imputat li gharaf presenti fl-awla, pero dan ma kien ghamel xejn u jghid li anzi kien qal lil pulizija sabiex joqghodu warajh biex ma jwegghux. Spjega li ftit tal-hin wara waslu zewg karozzi, waqfu fuq t-*traffic lights* li kienu homor w inqala argument

bejnhom u l-partitarji tal-Floriana. Zied jghid li l-*lights* qalbu hodor w iz-zewg karozzi ta' quddiem saqu.

Sa dan it-tant, zied jghid x-xhud, il-partitarji tal-Floriana bdew jitkellmu hazin u kien hemm konfront bejniethom. Qal li l-karozza li kienet fuq wara kellha n-numru ta' registrazzjoni ABG 457 li ma kellha xejn x'taqsam ma dan l-argument u minnha hareg l-imputat u beda joffendi u jistieden ghal glied lil partitarji tal-Floriana w il-pulizija spiccaw iferquhom. Ix-xhud esibixxa l-okkorrenza relattiva bhala Dok. PM.

Illi nhar d-disgha ta' Novembru 2006 **xehed l-Ispettur Pierre Micallef Grimaud** (fol 26) fejn esibixxa stqarrija rilaxxjata mill-imputat li gharaf prezenti fl-awla bhala Antoine Aquilina, liema stqarrija giet rilaxxjata nhar il-hdax ta' Settembru 2006. Fuqha gharaf il-firma tieghu u kif wkoll dik ta' l-Ispettur Alfred Mallia filwaqt li l-imputat Antoine Aquilina ghazel li ma jiffirmax din l-istqarrija. Ix-xhud ikkonferma li qabel ma ttiehdet l-istqarrija, tah is-solitu twissija, liema stqarrija giet immarkata bhala Dok PMG.

Illi nhar d-disgha ta' Novembru 2006 **xehed Mark Ciantar** (fol 30) fejn qal li hu Segretarju tal-kazin Vilhena tal-Floriana. Qal li nhar t-tmienja ta' Settembru 2006 l-kazin tieghu sofra xi hsarat konsistenti fi hsarat f'xi siggijiet u zewg imwejjed. Il-hsarat ammontaw ghal ammont li hu kien ghadu ma jafx. Qal li effettivament wara hu kien mar ghand Oxford House Limited u ottjena stima tal-valur tal-hsara li jammonta ghal mitejn tlieta w disghin lira u hamsa w tmenin centezmu (LM293.85). Ix-xhud esebixxa din il-*quotation* bhala Dok OH. Mistoqsi min ghamel il-hsara li sofra l-kazin, ix-xhud wiegeb li ma kienx jaf.

Illi nhar s-sittax ta' Settembru 2008 **xehed l-imputat** minn jeddu b'mod voluntarju (fol 58) fejn qal li dakinhar tat-tmienja ta' Settembru 2006, f'Jum il-Vitorja kien mar ma habib tieghu w il-mara l-Belt w ghall-habta ta' nofsinhar nizlu jaraw r-Regatta. Qal li wara li bdiet r-Regatta bdew ghaddejin id-dghajjes wahda wara l-ohra u l-Belt rebhu s-

*shield*. Hafna nies telghu il-Floriana. Qal li hu kien mal-mara bil-karozza teighu hdejn il-hanut tieghu.

Ikkonferma li meta kien diehel lura l-Belt, ra li n-nies kienu waslu kwazi ma genb il-kazin tal-Vilhena w ghalhekk waqqaf lill-mara u qalilha biex tinzel il-hanut u qasam peress li sid il-hanut tal-Vilhena huwa habib tieghu. Qal li kien hemm xi nies qed ikissru l-affarijiet u hu u xi erbgha minn nies ohra bdew iferrqu lin-nies biex ma jkomplux jaghmlu hsara. Qal li dak il-hin stess gew xi tliet pulizija fuq il-massa ta' nies. Zied jghid li lil pulizija qalilhom sabiex jintefghu warajh biex ma jweggghux peress li hu ikun jaf min kien qed jiggieled, pero b'dan nonostante baqghu ghaddejjin. Qal li hu fl-ebda hin ma kisser jew iggieled. Kompla jghid li wara mar hdejn il-karozza u telaq mill-hanut biex immur lejn id-dar. Spjega li hdejn il-kazin Vilhena fil-Floriana, hemm il-*lights*. Qal wkoll li kien hemm karozza quddiemu, din kienet wieqfa u minnha hargu xi nies u bdew jilletikaw man-nies li kien hemm ma genb il-kazin tal-Vilhena. Qal li hu waqaf u beda jghid 'issa mhux bizzejjed, tajtuni battikata bhal dik'. Sa dak it-tant dawn hargu ghalih izda meta nnutaw li kien hu, waqfu u regghu dahlu. Qal li l-pulizija riedu jtellghuh fil-karozza u hu beda jirrezisti lill-pulizija. Qal wkoll li hu fl-ebda hin ma ggieled jew kisser jew wegga' lil xi hadd.

In kontr'ezami ix-xhud ikkonferma li hu kien qed isegwi r-regatta mas-*supporters* tal-Belt, pero cahad li tela' t-telgha tal-Kurcifiss sal-Floriana flimkien mal-gemgha tas-*supporters* tal-Belt. Cahad wkoll li hu kien mal-gemgha ta' *supporters* tal-Belt li kienu resqin lejn il-kazin tal-Vilhena. Rega' cahad li tela' mal-gemgha nies minn fejn il-Kurcifiss. Fl-ebda hin ma qabad xi siggijiet waqt li kien quddiem il-kazin tal-banda.

Illi nhar s-sittax ta' Settembru 2008 **xehed ghal darb'oħra l-Ispettur James Grech** in difesa (fol 61) fejn qal li jiftakar li wara r-Regatta tas-sena 2006 ghal xi raguni jew ohra, il-partitarji tal-Belt telghu il-Floriana. Qal li hu kellu ordni sabiex jitla' l-Floriana u flimkien ma tlett ufficcjali kien tela' l-Floriana. Ikkonferma li effettivament l-imputat kien wara nett tal-gemgha nies u qal lill-pulizija biex joqghodu warajh

biex ma jwegghux. Mistoqsi mill-Qorti jekk f’xi hin rax lill-imputat ikisser jew ifarrak xi haga, wiegeb li ma rahx jaghmel hekk. Mistoqsi mill-Qorti jekk rax xi gemgha nies tiela minn Triq il-Kurcifiss wiegeb li ma rahomx. Qal li hu lahaqhom diga fi Triq Sant’Anna taht il-logog. Mistoqsi jekk l-imputat kienx parti minn din il-gemgha, x-xhud wiegeb li kien maghhom zgur.

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni akkuzat lil imputat bir-reati kif disposti fl-artikolu 68 sib inciz (1) u (2).

Illi fl-ewwel lok l-imputat gie akkuzat talli ‘xewwex gemgha ta’ nies, illi hekk imxewwxa, ngabru f’numru ta’ ghaxra jew aktar sabiex jghamlu reat.’

Illi ghalhekk il-prosekuzzjoni trid tipprova li l-imputat xewwex din il-gemgha ta’ nies.

Fit-tieni lok trid tipprova li una volta hekk imxewwxa minnu, dawn ingabru f’numru ta’ ghaxra sabiex jaghmlu reat.
Issa, mill-provi prodotti ma jirrizultax li kien l-imputat li xewwex lil xi nies sabiex jikkommettu xi reat, ghalkemm hu minnu li l-imputat seta’ kien f’folla li parti minnha kienet qed tikkawza xi hsarat voluntarji.

Illi ma jirrizulta minn imkien li fil-fatt l-imputat ta xi struzzjonijiet sabiex isir xi reat jew addirittura influwenza parti mill-gemgha hekk migbura sabiex jghamlu xi haga partikolari w ghalhekk dan r-reat zgur ma giex ippruvat mill-prosekuzzjoni.

Illi fit-tieni lok, l-imputat huwa akkuzat wkoll bir-reat kif dispost fis-sub inciz (ii) tal-artikolu 68 u cioe ‘li ha parti attiva f’gemgha ta’ ghaxar minn nies jew aktar migbura bil-hsieb li jaghmlu reat, ghalkemm dik il-gemgha ta’ nies ma gietx imxewwxa minn xi hadd in partikolari.’

Illi hawnhekk, kuntrarjament ghas-sub inciz (1) fuq imsemmi, il-prosekuzzjoni trid tipprova li l-imputat ha

sehem f'gemgha ta' ghaxar minn nies jew aktar bil-hsieb li jikkommettu reat.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet bhala xhud principali taghha lil allura PS 403, illum l-Ispettur James Grech jixhed. Dan xehed fi tlett okkazzjonijiet u cioe nhar l-hdax t'Ottubru 2006 u nhar t-tletin ta' Lulju 2007 bhala xhud tal-prosekuzzjoni u nhar s-sittax ta' Settembru 2008 bhala xhud prodott mid-difiza.

Dan ix-xhud jghid li meta kien hemm gemgha nies mexjin lejn il-kazin Vilhena, l-imputat kien fuq wara u beda jghid lil pulizija sabiex toqghod warajh sabiex ma jwegghux. Mistoqsi jekk rax lil imputat jaghmel xi haga rregolari, jghid li ma rah jaghmel xejn.

Izda fix-xhieda li ta nhar l-hdax t'Ottubru 2006, jghid li ra lil imputat jghid lil partitarji tal-Floriana 'ghalfejn qed tghamlu hekk, halluna kwieti' u meta l-pulizija ppruvaw idahhluh fil-karozza, dan beda jaharbilhom. Ikkonferma li dakinhar l-imputat kien mal-gemgha nies li ghamlu t-tifrik.

Pero, fix-xhieda li ta nhar t-tletin ta' Lulju 2007, l-ewwel jghid li l-imputat kien fost il-folla, pero m'ghamel xejn, izda aktar tard jghid li beda joffendi lil partitarji tal-Floriana u jistiedinhom ghal glied.

Meta xehed nhar s-sitta ta' Settembru 2008, sentejn wara l-allegat incident, ix-xhud jghid li fl-ebda hin ma ra lil imputat ikisser jew ifarrak xi haga u ma jsemmi xejn dwar l-incident meta allegatament ttanta jdahhlu fil-karozza jew li beda jistieden ghal glied lil partitarji tal-Floriana.

Id-difiza ressqet lil imputat jixhed u dan spjega (kif effettivament qal l-Ispettur) li hu ltaqa mal-grupp ta' partitarji tal-Belt waqt li kien diga fi Triq Sant'Anna u qal lil ufficcjali tal-pulizija sabiex joqghodu warajh sabiex ma jwegghux. Ammetta li wiehed mill-pulizija ried itellghu fil-karozza pero huwa rrezista lil pulizija.

Ghalhekk, mis-suespost jirrizulta li l-imputat fl-ebda hin ma ha parti attiva f'gemgha ta' ghaxar minn nies jew aktar sabiex jikkommettu reat ta' hsara voluntarja kif akkuzat.

Illi mill-akkuzi moghtija mill-prosekuzzjoni, ma jirrizultax li l-imputat gie akkuza b'xi reati ohra bhal dik ta' nuqqas t'obbidjenza jew rezistenza t'ufficcjal pubbliku (artikolu 96 tal-Kap 9) jew indhil fis-servizz t'ufficcjal pubbliku (artikolu 95 tal-Kap 9) jew li m'obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija mill-pulizija meta talbuh jidhol fil-karozza (artikolu 338 (ee) tal-Kap 9) w ghalkemm l-agir tieghu seta' kien wiehed kriminuz, ma jammontax ghar-reat in dezamina w ghalhekk il-Qorti qed tillibeah minn dawn l-akkuzi odjerni.

**Illi ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikolu tal-ligi partikolarment l-artikolu 68(1)(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lill-imputat ANTOINE AQUILINA hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------